ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 24

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

28 ta' Jannar 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 82/2009 tas-27 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........................ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 83/2009 tas-27 ta' Jannar 2009 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009 ........................ 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 84/2009 tas-27 ta' Jannar 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1342/2003 dwar regoli għall-applikazzjoni ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni fis-settur taċ-ċereali u tar-ross** ........................ 5

(*Ikompli fil-paġna ta' wara*)



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

REGOLI INTERNI U TA' PROĊEDURA

**Qorti tal-Ġustizzja**

★ **Emenda għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja** ........ 8

**Qorti tal-Prim' Istanza**

★ **Emenda għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza** ........ 9

**Tribunal għas-Servizz Pubbliku**

★ **Emenda tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea** ...... 10

---

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2009/69/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2008 li taħtar il-membri tal-Kumitat previst fl-Artikolu 3(3) tal-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja** ........ 11

2009/70/KE, Euratom:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2009 li taħtar żewġ membri Ġermaniżi tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** ........ 13

2009/71/KE, Euratom:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2009 li taħtar membru Spanjol fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** ........ 14

MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

**Kummissjoni**

2009/72/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi Grupp Espert tas-Suq tas-Sistemi tal-Ħlasijiet** ........ 15

2009/73/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2007/589/KE fir-rigward tal-inklużjoni ta' linji gwida għall-monitoraġġ u r-rapportaġġ tal-emissjonijiet tal-ossidu nitruż** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 8040)* (1) ........ 18

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIM INTERNAZZJONALI

2009/74/KE:

★ **Deċiżjoni Nru 1/2008 tal-Kumitat Konġunt Ke-gżejjer Faroe tas-17 ta' Ġunju 2008 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1/2001 li tistipula d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Protokoll dwar kwistjonijiet veterinarji li jissupplementaw il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faroe, min-naħa l-oħra** ........ 30

**Corrigendum**

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2008 dwar it-testijiet tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) (ĠU L 57, 1.3.2008)** ........ 34

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

# I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 82/2009

**tas-27 ta' Jannar 2009**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-28 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 138,6 |
| | JO | 78,3 |
| | MA | 47,2 |
| | TN | 134,4 |
| | TR | 93,1 |
| | ZZ | 98,3 |
| 0707 00 05 | JO | 167,2 |
| | MA | 116,0 |
| | TR | 162,2 |
| | ZZ | 148,5 |
| 0709 90 70 | MA | 164,2 |
| | TR | 168,5 |
| | ZZ | 166,4 |
| 0709 90 80 | EG | 88,5 |
| | ZZ | 88,5 |
| 0805 10 20 | EG | 48,4 |
| | IL | 56,2 |
| | MA | 63,5 |
| | TN | 58,1 |
| | TR | 62,0 |
| | ZZ | 57,6 |
| 0805 20 10 | IL | 144,6 |
| | MA | 83,3 |
| | TR | 54,0 |
| | ZZ | 94,0 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 74,9 |
| | EG | 88,5 |
| | IL | 78,8 |
| | JM | 94,6 |
| | PK | 76,2 |
| | TR | 63,6 |
| | ZZ | 79,4 |
| 0805 50 10 | EG | 48,1 |
| | MA | 67,1 |
| | TR | 63,9 |
| | ZZ | 59,7 |
| 0808 10 80 | CA | 84,9 |
| | CN | 64,8 |
| | MK | 32,6 |
| | US | 106,1 |
| | ZZ | 72,1 |
| 0808 20 50 | CN | 49,8 |
| | TR | 99,0 |
| | US | 110,9 |
| | ZA | 93,2 |
| | ZZ | 88,2 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 83/2009

## tas-27 ta' Jannar 2009

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2008/2009 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 945/2008 ([3]). Dawn ilprezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 50/2009 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skond ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009, huma b'dan mmodifikati skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-28 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 258, 26.9.2008, p. 56.
([4]) ĠU L 17, 22.1.2009, p. 15.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mit-28 ta' Jannar 2009**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 24,73 | 3,93 |
| 1701 11 90 (1) | 24,73 | 9,17 |
| 1701 12 10 (1) | 24,73 | 3,74 |
| 1701 12 90 (1) | 24,73 | 8,74 |
| 1701 91 00 (2) | 28,57 | 10,95 |
| 1701 99 10 (2) | 28,57 | 6,43 |
| 1701 99 90 (2) | 28,57 | 6,43 |
| 1702 90 95 (3) | 0,29 | 0,36 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 84/2009

## tas-27 ta' Jannar 2009

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1342/2003 dwar regoli għall-applikazzjoni ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni fis-settur taċ-ċereali u tar-ross

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 161(3) tiegħu flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-Artikolu 8 tiegħu, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 ([2]) jistipula ż-żmien tal-ħruġ tal-liċenzji għall-esportazzjoni. Huwa jistipula li ż-żmien normali tal-ħruġ tal-liċenzja li tapplika għall-prodotti esportati u li għalihom tiġi stabbilita rifużjoni, inkluża dik żero, huwa t-tielet jum ta' ħidma wara li tkun saret it-talba. Dan iż-żmien jista' jkun twil wisq u għaldaqstant l-esportazzjoni tal-prodotti trid isseħħ mill-ewwel. Ladarba l-operaturi jkunu f'din is-sitwazzjoni, ikun tajjeb li dawk li jitolbuha, tingħatalhom il-liċenzja għall-esportazzjoni bla dewmien u din tinħareġ dakinhar li tkun tressqet it-talba sabiex jitħaffu l-formalitajiet amministrattivi.

(2) Madankollu, hemm bżonn li wieħed jara li t-tnaqqis fiż-żmien tal-ħruġ tal-liċenzja ma jagħtix preferenza lill-ħaddiema kkonċernati iktar minn ħaddiema oħra, speċjalment jekk it-taxxa fuq l-esportazzjoni trid tiġi ffissata fi żmien tliet ijiem wara li tkun tressqet it-talba. Għaldaqstant jeħtieġ li l-ħruġ tal-liċenzja għall-esportazzjoni dakinhar li tkun tressqet it-talba ma jagħtix lok għall-ħlas ta' rifużjoni, u li kemm-il darba trid tiġi ffissata t-taxxa qabel l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni, din it-taxxa tkun applikabbli għall-prodotti kkonċernati.

(3) F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġu stabbiliti ż-żmien tal-validità għal din it-tip ta' liċenzja kif ukoll l-ammont mitlub għall-garanzija.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1342/2003 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1342/2003 hu emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 6(2) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, għall-prodotti msemmija fl-Anness II, parti II, punt A, tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, il-validità tal-liċenzji għall-esportazzjoni tiskadi fis-sittin jum wara l-ħruġ tagħhom, skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament imsemmi, fejn ir-rifużjoni bl-iffissar bil-quddiem jew mingħajru ma tkunx stabbilita, jew fejn dawn il-prodotti jiġu esportati mingħajr rifużjoni, skont l-Artikolu 8(3) ta' dan ir-Regolament."

(2) Mal-Artikolu 8 jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, il-liċenzji għall-esportazzjoni għall-prodotti li għalihom ġiet iffissata r-rifużjoni jinħarġu fuq talba tal-ħaddiem fil-jum li fih tkun tressqet din it-talba sakemm din tiddetermina li l-liċenzja tinħareġ mingħajr rifużjoni u li, jekk it-taxxa għall-esportazzjoni tapplika fil-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni, din tkun tapplika għall-prodotti kkonċernati. Fuq it-talba kif ukoll fuq il-liċenzja maħruġa, f'dan il-każ fil-kaxxa 20, tidher waħda mill-annotazzjonijiet li jissemmew fl-Anness Ia."

(3) Mal-Artikolu 12, punt c), il-punt iii) li ġej għandu jiġi miżjud:

"(iii) EUR 3 kull tunnellata għall-prodotti li għalihom japplika l-Artikolu 8(3)."

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12.

(4) Wara l-Anness I, it-test li jinsab fl-Anness ta’ dan ir-Regolament hu miżjud bħala l-Anness Ia.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba’ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta’ Jannar 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"L-ANNESS Ia*

**ANNOTAZZJONIJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8(3)**

| | |
|---|---|
| — *bil-Bulgaru:* | износ без възстановяване — приложими експортни такси — Регламент (ЕО) № 1342/2003, член 8, параграф 3 |
| — *bl-Ispanjol:* | Exportación sin restitución — Gravámenes por exportación aplicables — Reglamento (CE) nº 1342/2003, artículo 8, apartado 3 |
| — *biċ-Ċek:* | Vývoz bez náhrady – platné vývozní poplatky – Nařízení (ES) č. 1342/2003, čl. 8 odst. 3 |
| — *bid-Daniż:* | Eksport uden restitution — Eksportafgifter gældende — Forordning (EF) nr. 1342/2003, artikel 8, stk. 3 |
| — *bil-Ġermaniż:* | Ausfuhr ohne Erstattung — Ausfuhrabgaben finden Anwendung — Verordnung (EG) Nr. 1342/2003, Artikel 8 Absatz 3 |
| — *bl-Estonjan:* | Toetuseta eksport – kohaldatakse ekspordimakse – määruse (EÜ) nr 1342/2003 artikli 8 lõige 3 |
| — *bil-Grieg:* | Εξαγωγή χωρίς επιστροφή — Επιβαλλόμενοι φόροι κατά την εξαγωγή — Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1342/2003 άρθρο 8 παράγραφος 3 |
| — *bl-Ingliż:* | Export without refund — Export taxes applicable — Regulation (EC) No 1342/2003, Article 8(3) |
| — *bil-Franċiż:* | Exportation sans restitution — Taxes à l'exportation applicables — Règlement (CE) nº 1342/2003, article 8, paragraphe 3 |
| — *bl-Irlandiż:* | Onnmhairiú gan aisíoc – cánacha onnmhairiúcháin infheidhme – Rialachán (CE) Uimh. 1342/2003, Airteagal 8, mír 3 |
| — *bit-Taljan:* | Esportazione senza restituzione — Tasse all'esportazione applicabili — Regolamento (CE) n. 1342/2003, articolo 8, paragrafo 3 |
| — *bil-Latvjan:* | Eksports bez kompensācijas – Piemērojamie izvedmuitas nodokļi – Regulas (EK) Nr. 1342/2003 8. panta 3. punkts |
| — *bil-Litwan:* | Eksportas be grąžinamosios išmokos – Eksportui taikytini mokesčiai – Reglamento (EB) Nr. 1342/2003 8 straipsnio 3 dalis |
| — *bl-Ungeriż:* | Visszatérítés nélküli kivitel – Kiviteli vám alkalmazandó – Az 1342/2003/EK rendelet 8. cikkének (3) bekezdése |
| — *bil-Malti:* | Esportazzjoni bla rifużjoni — Taxxi tal-esportazzjoni applikabbli — L-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003 |
| — *bl-Olandiż:* | Uitvoer zonder restitutie — Uitvoerbelasting van toepassing — Verordening (EG) nr. 1342/2003, artikel 8, lid 3 |
| — *bil-Pollakk:* | Wywóz bez refundacji – Stosowane podatki wywozowe – art. 8 ust. 3 rozporządzenia (WE) nr 1342/2003 |
| — *bil-Portugiż:* | Exportação sem restituição — Imposições de exportação aplicáveis — Regulamento (CE) n.º 1342/2003, artigo 8.º, n.º 3 |
| — *bir-Rumen:* | Export fără restituire – Taxe la export aplicabile – Regulamentul (CE) nr. 1342/2003, articolul 8 alineatul (3) |
| — *bis-Slovakk:* | Vývoz bez náhrady – Platné vývozné poplatky – Nariadenie (ES) č. 1342/2003 článok 8 ods. 3 |
| — *bis-Sloven:* | Izvoz brez nadomestila – Veljavne izvozne takse – Uredba (ES) št. 1342/2003, člen 8(3) |
| — *bl-Iżvediż:* | Export utan bidrag – Exportavgifter tillämpliga – Förordning (EG) nr 1342/2003, artikel 8.3 |
| — *bil-Finlandiż:* | Vienti ilman vientitukea – Sovellettavat vientiverot – Asetuksen (EY) N:o 1342/2003 8 artiklan 3 kohta" |

# REGOLI INTERNI U TA' PROĊEDURA

# QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

## EMENDA GĦAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA,

Wara li rat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari s-sitt paragrafu tal-Artikolu 223 tiegħu,

Wara li rat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari s-sitt paragrafu tal-Artikolu 139 tiegħu,

Wara li kkunsidrat li għandu jiġi ċċarat in-numru ta' votazzjonijiet li jistgħu jitwettqu għall-elezzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja u għall-elezzjoni tal-Presidenti ta' Awla,

bl-approvazzjoni tal-Kunsill mogħtija fis-27 ta' Novembru 2008,

TADOTTA L-EMENDA SEGWENTI GĦAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAGĦHA:

*Artikolu 1*

Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) qed jiġu emendati kif ġej:

L-Artikolu 7(3) għandu jiġi ssostitwit bit-test segwenti:

> "Fl-elezzjonijiet previsti minn dan l-Artikolu, il-vot għandu jkun sigriet. Jiġi elett l-Imħallef li jikseb il-voti ta' aktar minn nofs l-Imħallfin li jikkomponu l-Qorti tal-Ġustizzja. Jekk l-ebda Mħallef ma jikseb din il-maġġoranza, isiru aktar votazzjonijiet sakemm tintlaħaq din il-maġġoranza."

*Artikolu 2*

Din l-emenda għar-Regoli tal-Proċedura, li hija awtentika fil-lingwi msemmija fl-Artikolu 29(1) tar-Regoli, għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-pubblikazzjoni tagħha.

Adottata fil-Lussemburgu, 13 ta' Jannar 2009.

---

([1]) ĠU L 176, 4.7.1991, p. 7.

# QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

## EMENDA GĦAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li rat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ħames paragrafu tal-Artikolu 224 tiegħu,

wara li rat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-ħames paragrafu tal-Artikolu 140 tiegħu,

wara li rat l-Artikolu 63 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja,

wara li rat il-qbil tal-Qorti tal-Ġustizzja,

wara li rat l-approvazzjoni tal-Kunsill mogħtija fis-27 ta' Novembru 2008,

TADOTTA L-EMENDA SEGWENTI GĦAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAGĦHA:

*Artikolu 1*

Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-2 ta' Mejju 1991 (ĠU L 136, 30.5.1991, p. 1, b'rettifika fil-ĠU L 317, 19.11.1991, p. 34), kif emendati fil-15 ta' Settembru 1994 (ĠU L 249, 24.9.1994, p. 17), fis-17 ta' Frar 1995 (ĠU L 44, 28.2.1995, p. 64), fis-6 ta' Lulju 1995 (ĠU L 172, 22.7.1995, p. 3), fit-12 ta' Marzu 1997 (ĠU L 103, 19.4.1997, p. 6, b'rettifika fil-ĠU L 351, 23.12.1997, p. 72), fis-17 ta' Mejju 1999 (ĠU L 135, 29.5.1999, p. 92), fis-6 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 322, 19.12.2000, p. 4), fil-21 ta' Mejju 2003 (ĠU L 147, 14.6.2003, p. 22), fid-19 ta' April 2004 (ĠU L 132, 29.4.2004, p. 3), fil-21 ta' April 2004 (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 108), fit-12 ta' Ottubru 2005 (ĠU L 298, 15.11.2005, p. 1), fit-18 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 45) u fit-12 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 179, 8.7.2008, p. 12) qed jiġu emendati kif ġej:

L-Artikolu 7(3) għandu jiġi ssostitwit bit-test segwenti:

> "Fl-elezzjonijiet previsti minn dan l-Artikolu, il-vot għandu jkun sigriet. Jiġi elett l-Imħallef li jikseb il-voti ta' aktar minn nofs l-Imħallfin li jikkomponu l-Qorti tal-Prim'Istanza. Jekk l-ebda Mħallef ma jikseb din il-maġġoranza, isiru aktar votazzjonijiet sakemm tintlaħaq din il-maġġoranza."

*Artikolu 2*

Din l-emenda għar-Regoli tal-Proċedura, li hija awtentika fil-lingwi msemmija fl-Artikolu 35(1) tar-Regoli, għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmula il-Lussemburgu, 14 ta' Jannar 2009.

| *Reġistratur* | *President* |
|---|---|
| E. COULON | M. JAEGER |

# TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

## EMENDA TAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 225(a)(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 140(b)(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Anness I tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/752/KE, Euratom, tat-2 ta' Novembru 2004, li tistabbilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea ([1]),

Wara li ra l-kunsens tal-Qorti tal-Ġustizzja,

Wara li ra l-approvazzjoni tal-Kunsill mogħtija fis-27 ta' Novembru 2008,

Billi jeħtieġ li jiġi kkjarifikat in-numru ta' votazzjonijiet li jistgħu jsiru għall-elezzjoni tal-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għall-elezzjoni tal-Imħallfin li jippresjedu l-Awli tat-Tribunal,

JADOTTA L-EMENDA TAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA LI ĠEJJA:

*Artikolu 1*

Ir-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea huma emendati kif ġej:

L-Artikolu 6(3) għandu jinbidel bit-test li ġej:

> "Fl-elezzjonijiet imsemmijin f'dan l-Artikolu, il-votazzjoni ssir b'vot sigriet. Jiġi elett l-Imħallef li jikseb il-voti ta' aktar minn nofs l-Imħallfin li jkun hemm fit-Tribunal. Jekk l-ebda Imħallef ma jikseb din il-maġġoranza, isiru votazzjonijiet oħrajn sakemm din tinkiseb."

*Artikolu 2*

Din l-emenda tar-Regoli tal- Proċedura, awtentika fil-lingwi msemmija fl-Artikolu 35(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej, applikabbli għat-Tribunal skont l-Artikolu 7(2) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha.

Adottata fil-Lussemburgu, f1-14 ta' Jannar 2009.

([1]) ĠU L 333, 9.11.2004, p. 7.

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-18 ta' Diċembru 2008**

**li taħtar il-membri tal-Kumitat previst fl-Artikolu 3(3) tal-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja**

(2009/69/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/752/KE, Euratom tat-2 ta' Novembru 2004 li tistabbilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tal-Anness I mal-imsemmi Protokoll,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/49/KE, Euratom, tat-18 ta' Jannar 2005 dwar ir-regoli operattivi tal-Kumitat previst mill-Artikolu 3(3) tal-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ([2]), u b'mod partikolari l-punt 3 tal-Anness mal-imsemmija Deċiżjoni,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Novembru 2008,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(3) tal-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi għall-istabbiliment ta' kumitat li jikkonsisti minn seba' persuni magħżula minn fost ex-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim' Istanza u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta. Bis-saħħa ta' dan il-paragrafu, il-membri tal-kumitat huma maħtura mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq rakkomandazzjoni mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(2) Barra minn dan, id-Deċiżjoni 2005/49/KE, Euratom tipprevedi, fil-punt 3 tal-Anness tagħha, li l-Kunsill għandu jaħtar il-President ta' dak il-kumitat.

(3) Dawn id-disposizzjonijiet għandhom jiġu applikati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Għal perjodu ta' erba' snin li għandu jibda jiddekorri mill-10 ta' Novembru 2008 dawn li ġejjin huma maħtura membri tal-kumitat previst mill-Artikolu 3(3) tal-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja:

Is-Sur Günter HIRSCH, President

Is-Sur Rafael GARCÍA-VALDECASAS Y FERNÁNDEZ

Is-Sinjura Csilla KOLLONAY LEHOCZKY

Is-Sinjura Fidelma O'KELLY MACKEN

Is-Sur Romain SCHINTGEN

Is-Sinjura paní Kateřina ŠIMÁČKOVÁ

Is-Sur Georges VANDERSANDEN.

([1]) ĠU L 333, 9.11.2004, p. 7.
([2]) ĠU L 21, 25.1.2005, p. 13.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. BARNIER

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Jannar 2009

## li taħtar żewġ membri Ġermaniżi tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2009/70/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/524/KE, Euratom, tal-11 ta' Lulju 2006 li taħtar il-membri Ċeki, Ġermaniżi, Estonjani, Spanjoli, Franċiżi, Taljani, Latvjani, Litwani, Lussemburgiżi, Ungeriżi, Maltin, Awstrijaċi, Sloveni, u Slovakki tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Gvern Ġermaniż,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi żewġ postijiet fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tbattlu wara l-mewt tas-Sinjura Karin ALLEWELDT u r-riżenja tas-Sinjura Amelie BUNTENBACH,

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*

Is-Sinjura Gabriela BISCHOFF, Bereichsleiterin Europapolitik im DGB u s-Sinjura Michaela ROSENBERGER, Vorstandsmitglied Gewerkschaft Nahrung, Genuss, Gaststätten, huma b'din maħtura membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 19 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
P. GANDALOVIČ

([1]) ĠU L 207, 28.7.2006, p. 30.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Jannar 2009

## li taħtar membru Spanjol fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2009/71/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/524/KE, Euratom tal-11 ta' Lulju 2006 li taħtar membri Ċeki, Ġermaniżi, Estoni, Spanjoli, Franċiżi, Taljani, Latvjani, Litwani, Lussemburgiżi, Ungeriżi, Maltin, Awstrijaċi, Sloveni u Slovakki fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Spanjol,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi sar vakanti post ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Francisco CEBALLO HERRERO,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sur Carlos TRÍAS PINTÓ, Asociación General de Consumidores (ASGECO), huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 19 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. GANDALOVIČ

---

[1] ĠU L 207, 28.7.2006, p. 30.

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-15 ta' Diċembru 2008**

**li tistabbilixxi Grupp Espert tas-Suq tas-Sistemi tal-Ħlasijiet**

(2009/72/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi:

(1) Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Komunità huwa li tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern, fejn is-servizzi tal-ħlasijiet jiffurmaw parti essenzjali minnu. F'kuntest ta' progress mgħaġġel fl-innovazzjoni u t-teknoloġija, huwa importanti li s-suq intern ikollu sistemi tal-ħlasijiet sodi, faċli biex tużahom, effiċjenti u sikuri, għall-benefiċċju tal-fornituri tas-servizzu u bl-istess mod tal-utenti.

(2) F'konformità mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, il-Kummissjoni tagħti importanza kbira għall-konsultazzjoni xierqa mal-partijiet konċernati differenti, partikolarment il-fornituri u l-utenti tas-servizzi tal-ħlasijiet, fl-iżvilupp tal-politika dwar is-sistemi tal-ħlasijiet. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' teħtieġ li titlob l-għarfien espert ta' speċjalisti f'korp konsultattiv.

(3) Huwa għalhekk meħtieġ li jitwaqqaf grupp ta' esperti fil-qasam tas-sistemi tal-ħlasijiet u li jiġu ddefiniti l-kompiti u l-istruttura tiegħu.

(4) Kif stqarret fil-White Paper tagħha dwar il-Politika dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-2005-2010, il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lil rappreżentanza proporzjonata tal-utenti. Għaldaqstant, il-Grupp għandu jgħin lill-Kummissjoni biex tibbenefika mill-aktar rappreżentanza adegwata tal-partijiet interessati.

(5) Il-Grupp għandu jkun kompost minn individwi li jkollhom l-għarfien espert xieraq fil-qasam tas-sistemi tal-ħlasijiet. Madankollu, għandu jkun illimitat għar-rappreżentanti tal-partijiet konċernati privati, billi l-awtoritajiet pubbliċi u l-banek ċentrali għandhom il-grupp konsultattiv proprju fil-qasam tas-sistemi tal-ħlasijiet.

(6) Il-Grupp għandu jassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-politika dwar is-sistemi tal-ħlasijiet.

(7) Għandhom jitfasslu regoli dwar l-iżvelar ta' tagħrif minn membri tal-grupp il-ġdid, mingħajr ħsara għar-regoli dwar is-sigurtà annessi mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom ([1]).

(8) Id-dejta personali kollha relatata mal-membri tal-Grupp għandha tkun ipproċessata b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-dejta ([2]),

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Il-Grupp Espert tas-Suq tas-Sistemi tal-Ħlasijiet**

Bil-preżenti qed jiġi stabbilit il-Grupp Espert tas-Suq tas-Sistema tal-Ħlasijiet (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Grupp").

*Artikolu 2*

**L-inkarigu**

L-inkarigu ta' dan il-grupp għandu jkun:

(a) li jassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-atti leġiżlattivi jew l-inizjattivi ta' politika fir-rigward tas-sistemi tal-ħlasijiet, inklużi kwisjonijiet ta' prevenzjoni tal-frodi marbuta mal-industrija u l-utenti tal-ħlasijiet;

(b) li jipprovdi għarfien dwar l-implimentazzjoni prattika ta' dik il-politika;

(ċ) li jiskambja opinjonijiet dwar l-aqwa prassi aġġornati u li jiżgura monitoraġġ ta' kwistjonijiet potenzjali dwar is-suq.

([1]) ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

*Artikolu 3*

## Konsultazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-grupp dwar kwalunkwe kwistjoni dwar is-sistemi tal-ħlasijiet, inklużi kwistjonijiet dwar il-prevenzjoni tal-frodi marbuta mal-industrija u l-utenti tal-ħlasijiet.

*Artikolu 4*

## Sħubija – Ħatra

1. Il-Grupp għandu jkun kompost minn massimu ta' 50 membru.

2. Il-Kummissjoni għandha taħtar il-membri tal-Grupp minn fost esperti fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 2 wara sejħa għall-espressjoni ta' interess minn fost kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) rappreżentanti tal-industrija tal-ħlasijiet, inklużi kumpaniji u assoċjazzjonijiet;

(b) rappreżentanti tal-utenti tal-ħlasijiet, inklużi kumpaniji u assoċjazzjonijiet;

(c) rappreżentanti minn korpi privati involuti mill-qrib fil-prevenzjoni tal-frodi tal-ħlasijiet;

(d) individwi bi sfond akkademiku jew b'għarfien espert rikonoxxut fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 2.

3. Il-membri msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jesprimu bil-miktub l-interess tagħhom fil-parteċipazzjoni fil-Grupp.

4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-eliġibbiltà tal-esperti individwali skont il-kriterji li ġejjin:

(a) kompetenza u għarfien espert rilevanti li jista' jintwera fil-qasam kopert mill-mandat tal-Grupp;

(b) għarfien espert jew esperjenza prattiċi riċenti;

(c) ħila f'ilsien li s-soltu jintuża fil-qasam tal-finanzi, ta' livell li jippermetti lill-espert jipparteċipa fid-diskuzzjonijiet u jfassal rapporti f'dak l-ilsien.

L-espressjonijiet tal-interess li jaslu għandhom jinkludu dokumentazzjoni li turi li l-espert propost jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-paragrafu.

5. Il-Kummissjoni għandha taħtar il-membri filwaqt li tqis il-ħtieġa li tirrappreżenta l-interessi tal-partijiet konċernati kollha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiżgura rappreżentanza proporzjonata tal-utenti, rappreżentanza ġeografika wiesgħa u kompożizzjoni bilanċjata bejn is-sessi minn fost il-proposti li jaslu.

6. L-esperti proposti li jkunu tqiesu bħala xierqa iżda li ma jkunux nħatru jistgħu jitniżżlu f'lista ta' riżerva, li l-Kummissjoni tista' tuża biex taħtar sostituti.

7. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw:

(a) il-membri proposti mill-industrija tal-ħlasijiet, mill-utenti tal-ħlasijiet jew mill-korpi privati involuti fil-prevenzjoni tal-frodi tal-ħlasijiet għandhom jinħatru bħala partijiet interessati;

(b) il-membri bi sfond akkademiku jew b'għarfien espert rikonoxxut jinħatru f'kapaċità personali;

(c) il-mandat tal-membri tal-Grupp għandu jibda bl-ewwel laqgħa tal-Grupp; il-membri għandhom iżommu l-kariga tagħhom sakemm jitbiddlu jew sa tmiem ħatriethom;

(d) il-membri li ma jibqgħux f'pożizzjoni li jikkontribwixxu b'mod effettiv fid-deliberazzjonijiet tal-Grupp, li jirriżenjaw jew li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu jew l-Artikolu 287 tat-Trattat jistgħu jitbiddlu għall-bqija tal-perjodu ta' ħatriethom.

(e) il-membri maħtura f'kapaċità personali għandhom jiffirmaw kull sena dikjarazzjoni fejn jistqarru li jaġixxu fl-interess pubbliku kif ukoll dikjarazzjoni li tikkonferma n-nuqqas jew l-eżistenza ta' kull interess li jista' jaffettwa l-oġġettività tagħhom;

(f) l-ismijiet tal-membri għandhom jiġu ppubblikati fir-Reġistru tal-Gruppi Esperti tal-Kummissjoni Ewropea u fuq is-sit tal-Internet tad-DĠ Suq Intern u Servizzi; l-ismijiet tal-membri għandhom jinġabru, jiġu pproċessati u ppubblikati skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

*Artikolu 5*

## L-operat

1. Il-Grupp għandu jiġi ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Bi ftehim mal-Kummissjoni, jistgħu jitwaqqfu sottogruppi biex jeżaminaw mistoqsijiet speċifiċi skont it-termini ta' referenza stabbiliti mill-Grupp; tali sottogruppi għandhom jiġu xolti hekk kif dawn ilestu l-kompiti tagħhom.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jistieden esperti u osservaturi b'għarfien speċifiku biex jipparteċipaw fix-xogħol tal-Grupp u tas-sotto gruppi.

4. Tagħrif miksub mill-parteċipazzjoni fid-deliberazzjonijiet tal-Grupp jew sottogrupp ma jistax jinħareġ fejn il-Kummissjoni tiddikjara li dan ikun marbut ma' kwistjonijiet kunfidenzjali.

5. Il-Grupp u s-sottogruppi tiegħu għandhom normalment jiltaqgħu fil-bini tal-Kummissjoni, fil-forma u skont l-iskeda stabbilita mill-Kummissjoni. Is-Segretarjat tal-Grupp għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni. Uffiċjali tal-Kummissjoni li għandhom interess fil-qasam jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Grupp u s-sottogruppi tiegħu.

6. Il-Grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi tar-regoli standard ta' proċedura adottati mill-Kummissjoni.

7. Il-Kummissjoni tista' tippubblika fuq l-Internet, fil-lingwa oriġinali tad-dokument konċernat, kull sommarju, konklużjoni, jew parti minn konklużjoni jew dokument ta' ħidma tal-Grupp.

*Artikolu 6*

**L-ispejjeż tal-laqgħat**

1. Il-Kummissjoni għandha tirrimborża l-ispejjeż tal-vjaġġ u, fejn ikun xieraq, tas-sussistenza għall-membri, l-esperti u l-osservaturi b'rabta mar-regoli tal-Kummissjoni dwar il-kumpens għall-esperti esterni.

2. Il-membri, l-esperti u l-osservaturi ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi tagħhom.

3. L-ispejjeż tal-laqgħat jiġu rrimborżati fil-limiti tal-baġit annwali allokat għall-Grupp mis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni.

Magħmula fi Brussell, 15 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Charlie McCREEVY

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-17 ta' Diċembru 2008

## li temenda d-Deċiżjoni 2007/589/KE fir-rigward tal-inklużjoni ta' linji gwida għall-monitoraġġ u r-rapportaġġ tal-emissjonijiet tal-ossidu nitruż

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 8040)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/73/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 14(1) u 24(3) tagħha,

Billi:

(1) Monitoraġġ u rapportaġġ tal-emissjonijiet tal-ossidu nitruż li jsiru b'mod sħiħ, konsistenti u preċiż skond il-linji gwida stipulati f'din id-Deċiżjoni huma fundamentali għat-tħaddim tal-iskema ta' skambju ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (EU ETS) stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE f'dak li għandu x'jaqsam ma' stallazzjonijiet inklużi fl-EU ETS skond l-Artikolu 24 ta' dik id-Direttiva fir-rigward tal-emissjonijiet ta' $N_2O$ tagħhom.

(2) Il-linji gwida ta' monitoraġġ u rapportaġġ iddefiniti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/589/KE tat-18 ta' Lulju 2007 li tistabbilixxi linji gwida dwar il-monitoraġġ u r-rapportaġġ tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skond id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) ma jkoprux l-emissjonijiet tal-$N_2O$.

(3) L-Olanda applikat biex tinkludi l-emissjonijiet tal-$N_2O$ minn impjanti tal-aċidu nitriku fl-EU ETS għall-perjodu 2008-2012.

(4) Għalhekk, għandhom jiżdiedu linji gwida speċifiċi għad-determinazzjoni ta' emissjonijiet ta' $N_2O$ permezz ta' sistemi ta' kejl kontinwu ta' emissjonijiet.

(5) Il-potenzjal għal tisħin globali ta' tunnellata ta' $N_2O$ għal emissjonijiet rilaxxati matul il-perjodu 2008-2012 għandu jiġi kkunsidrat bħala l-ekwivalenti ta' 310 tunnellata ta' ossidu tal-karbonju, li huwa l-valur ipprovdut fit-Tieni Rapport ta' Valutazzjoni tal-Panel Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (il-valur ta' GWP tal-IPCC, 1995). Dan il-valur għandu jintuża sabiex ikun hemm konsistenza assoluta bejn ir-rapporti minn stallazzjonijiet u minn Stati Membri li jkunu qed jirrappurtaw l-inventarji nazzjonali tagħhom tal-emissjonijiet skond il-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Protokoll ta' Kjoto.

(6) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2007/589/KE għandha tiġi emendata skond dan,

(7) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Deċiżjoni 2007/589/KE**

Id-Deċiżjoni 2007/589/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-linji gwida dwar il-monitoraġġ u r-rapportaġġ tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE, u tal-attivitajiet inklużi skond l-Artikolu 24(1) ta' dik id-Direttiva, huma ddefiniti fl-Annessi għal din id-Deċiżjoni."

(2) Fit-Tabella tal-Annessi, għandha tiddaħħal l-annotazzjoni li ġejja:

"Anness XIII: Linji gwida speċifiċi għal attività partikolari għad-determinazzjoni ta' emissjonijiet ta' ossidu nitruż ($N_2O$) mill-produzzjoni ta' aċidu nitriku, aċidu adipiku, kaprolaktam, glijossal u aċidu glijossiliku."

(3) L-Anness I għandu jkun emendat kif stipulat fil-Parti A tal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

(4) L-Anness XIII għandu jiżdied kif stipulat fil-Parti B tal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.
([2]) ĠU L 229, 31.8.2007, p. 1.

*Artikolu 2*

**Applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2008.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Stavros DIMAS
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

A. A. L-Anness I huwa emendat kif ġej:

1) It-Taqsima 2 hija emendata kif ġej:

(a) il-parti preliminari għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Għall-iskopijiet ta' dan l-Anness u tal-Annessi II sa XIII għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE."

(b) fil-paragrafu 1, il-punt (g) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(g) 'livell' tfisser element speċifiku ta' metodoloġija biex tkun iddeterminata d-dejta dwar attività, il-fatturi tal-emissjonijiet, l-emissjonijiet fis-sena, il-medja ta' emissjonijiet fis-siegħa fis-sena u l-fatturi ta' ossidazzjoni jew konverżjoni;".

2) Fit-Taqsima 3, it-tieni paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Kompletezza*. Għal stallazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapportaġġ għandhom ikopru l-emissjonijiet kollha minn proċessi u kombustjoni, mis-sorsi ta' emissjonijiet u l-flussi kollha li jappartjenu għall-attivitajiet li ġew elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE u l-attivitajiet l-oħrajn rilevanti inklużi skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva u tal-gassijiet serra kollha li ġew speċifikati relatati ma' dawk l-attivitajiet filwaqt li jkun evitat għadd doppju."

3) It-Taqsima 4.3 hija emendata kif ġej:

(a) il-punt (g) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(g) evidenza li turi konformità mal-limiti ta' inċertezza għal dejta dwar attività u l-parametri l-oħrajn (fejn applikabbli) għal-livelli applikati għal kull fluss minn sors u/jew sors ta' emissjoni;"

(b) il-punt (m) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(m) deskrizzjoni tal-proċeduri għall-akkwist ta' dejta, għall-attivitajiet ta' tħaddim u l-attivitajiet ta' kontroll kif ukoll deskrizzjoni tal-attivitajiet (ara t-Taqsima 10.1-3 u l-Anness XIII, it-Taqsima 8);".

4) It-Taqsima 6 hija emendata kif ġej:

(a) Fit-Taqsima 6.1, l-ewwel paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Kif stipulat fit-Taqsima 4.2, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jistgħu jiġu ddeterminati permezz ta' metodoloġija bbażata fuq kejl li tuża sistemi ta' kejl kontinwu ta' emissjonijiet (CEMS) mis-sorsi ta' emissjonijiet kollha jew minn dawk magħżula billi jintużaw metodi standardizzati jew aċċettati ladarba l-operatur ikun irċieva approvazzjoni mill-awtorità kompetenti qabel il-perjodu ta' rapportaġġ li l-użu tas-CEMS jilħaq preċiżjoni akbar mill-kalkolu tal-emissjonijiet li juża l-metodu tal-livell l-aktar preċiż. Il-metodi speċifiċi għal metodoloġiji bbażati fuq il-kejl huma stipulati fl-Anness XII u XIII. Skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummisjoni dwar l-istallazzjonijiet li japplikaw is-CEMS bħala parti mis-sistema ta' monitoraġġ tagħhom."

(b) It-Taqsima 6.2 hija emendata kif ġej:

(i) l-ewwel paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"L-operatur ta' stallazzjoni għandu juża l-ogħla livelli stipulati fl-Annessi XII u XIII, għal kull sors ta' emissjonijiet li huwa elenkat fil-permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li għalih l-emissjonijiet rilevanti tal-gassijiet serra jiġu ddeterminati bl-applikazzjoni tas-CEMS.";

(ii) it-tielet paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Għall-perjodi ta' rapportaġġ 2008-2012 bħala minimu għandhom jiġu applikati l-livell 2 fl-Anness XII għall-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-livelli minimi ddefiniti fl-Anness XIII għall-emissjonijiet tal-$N_2O$ għajr jekk dan ma jkunx teknikament possibbli.";

(ċ) It-Taqsima 6.3 hija emendata kif ġej:

(i) il-punt (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) ***Rati ta' teħid ta' kampjuni***

Il-medji ta' kull siegħa (siegħa valida ta' dejta) għandhom jiġu kkalkulati għall-elementi kollha tad-determinazzjoni tal-emissjoni (kif applikabbli) – kif stipulat fl-Anness XII u XIII – billi jintużaw il-punti ta' dejta kollha li jkun hemm disponibbli għal dik is-siegħa speċifika. F'każ ta' tagħmir li ma jkunx taħt kontroll jew ma jkunx qiegħed jitħaddem għal parti minn dik is-siegħa, il-medja fis-siegħa għandha tkun ikkalkulata pro rata għall-punti ta' dejta li jkun għad fadal għal dik is-siegħa speċifika. F'każ li siegħa valida ta' dejta ma tkunx tista' tiġi kkalkulata għal element ta' determinazzjoni tal-emissjoni, minħabba li inqas minn 50 % tal-għadd massimu ta' punti ta' dejta fis-siegħa ikunu disponibbli, is-siegħa tintilef. Għal kull każ fejn siegħa valida ta' dejta ma tkunx tista' tiġi kkalkulata, għandhom jiġu kkalkulati l-valuri ta' sostituzzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.";

(ii) il-parti preliminari tal-ewwel paragrafu tal-punt (c) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"B'mod parallel għad-determinazzjoni tal-emissjoni permezz ta' metodoloġija bbażata fuq kejl skont l-Annessi XII u XIII, l-emissjonijiet fis-sena ta' kull GHG meqjus għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' kalkolu bbażat fuq waħda mill-għażliet li ġejjin:"

(iii) ir-raba' paragrafu tal-punt (c) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Fejn paragun mar-riżultati tal-metodu tal-kalkolu jindika b'mod ċar li r-riżultati tal-metodu tal-kejl mhumiex validi, l-operatur għandu juża l-valuri ta' sostituzzjoni kif ġie deskritt f'din it-Taqsima (eskluż il-monitoraġġ skont l-Anness XIII).".

5) Fit-Taqsima 7.2, il-parti preliminari tal-ewwel paragrafu għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Kif stipulat fit-Taqsima 4.2, operatur jista' jiġġustifika l-użu ta' metodoloġija bbażata fuq kejl jekk b'mod affidabbli tirriżulta f'livell aktar baxx ta' inċertezza mill-metodoloġija rilevanti bbażata fuq kalkolu (qabbel mat-Taqsima 4.2) jew jeħtieġ li juża metodu bbażat fuq kejl skont l-Anness XIII. Sabiex din il-ġustifikazzjoni tiġi pprovduta lill-awtorità kompetenti, l-operatur għandu jirrapporta r-riżultati kwantitattivi ta' analiżi tal-inċertezzi aktar komprensiva li tikkunsidra s-sorsi ta' inċertezza li ġejjin billi jitqies l-EN 14181:"

6) Fit-Taqsima 8, l-għaxar paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"L-emissjonijiet għandhom jiġu rrappurtati bħala tunnellati mqarrba lejn l-eqreb tunnellata ta' $CO_2$ jew $CO_{2(e)}$ (pereżempju 1 245 978 tunnellata). Id-dejta dwar attività, il-fatturi tal-emissjonijiet u l-fatturi ta' ossidazzjoni jew ta' konverżjoni għandhom jitqarrbu lejn l-eqreb numru sħiħ biex jinkludu biss ċifri sinifikanti kemm għall-kalkolu tal-emissjonijiet kif ukoll għal skopijiet ta' rapportaġġ."

7) It-Taqsima 13.5 hija emendata kif ġej:

(a) l-intestatura għandha tinbidel b'dan li ġej:

"13.5. REKWIŻITI GĦAD-DETERMINAZZJONI TAL-PROPRJETAJIET TA' FJUWIL U MATERJALI, U KEJL KONTINWU TA' EMISSJONIJIET".

(b) It-Taqsima 13.5.1 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"13.5.1. *UŻU TA' LABORATORJI AKKREDITATI*

Il-laboratorju (inklużi l-fornituri ta' servizzi oħrajn) użat biex jiddetermina l-fattur tal-emissjonijiet, il-valur kalorifiku nett, il-fattur ta' ossidazzjoni, il-kontenut ta' karbonju, il-frazzjoni tal-bijomassa jew id-dejta ta' kompożizzjoni għandu jkun akkreditat skont l-EN ISO 17025:2005 ('Rekwiżiti ġenerali għall-kompetenza tal-laboratorji tal-ittestjar u l-kalibrazzjoni'").

8) Fit-Taqsima 14 tiddaħħal it-tabella li ġejj

“14.7 **RAPPORTAĠĠ TA’ EMISSJONIJIET $N_2O$ GĦALL-IMPJANTI TAL-AĊIDU NITRIKU, L-AĊIDU ADIPIKU, IL-KAPROLAKTAM, IL-GLIJOSSAL U L-AĊIDU GLIJOSSILIKU.**

| Emissjonijiet tal-attivitajiet fl-Anness I – aċidu nitriku, aċidu adipiku eċċ. | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kategoriji | Emissjonijiet mill-Proċessi tal-Kategorija CRF tal-IPCC | Kodiċi tal-IPPC tal-Kategorija EPRTR | Il-metodu ta’ monitoraġġ u l-livell applikat | Livelli mibdula? Iva/Le | Ir-rata tal-produzzjoni t/sena u t/siegħa | Inċertezza tal-fluss ta’ gass fit-tubu (medja fis-siegħa fis-sena jew total fis-sena) % | Inċertezza tal-konċentrazzjoni ta’ (medja fis-siegħa fis-sena jew total fis-sena) % | Inċertezza totali tal-emissjonijiet fis-sena (jekk meħtieġa) % | Inċertezza tal-medja ta’ emissjonijiet fis-siegħa fis-sena fis-sena % | Emissjoni t/sena | Medja ta’ emissjonijiet fis-siegħa fis-sena (kg/siegħa) | Il-GWP applikat | Emissjonijiet $tCO_{2(e)}$ u $CO_2$/sena |
| Attivitajiet | | | | | | | | | | | | | |
| Attività 1 | | | | | | | | | | | | | |
| Attività 2 | | | | | | | | | | | | | |
| Attività N | | | | | | | | | | | | | |
| Emissjonijiet totali f’$tCO_{2(e)}$ u $tCO_2$ kull sena” | | | | | | | | | | | | | |

B. Għandu jiżdied l-Anness XIII li ġej:

*"L-ANNESS XIII*

**Linji gwida speċifiċi għal attività partikolari għad-determinazzjoni ta' emissjonijiet ta' ossidu nitruż ($N_2O$) mill-produzzjoni ta' aċidu nitriku, aċidu adipiku, kaprolaktam, glijossal u aċidu glijossiliku**

## 1. LIMITAZZJONIJIET U KOMPLETEZZA

Il-linji gwida speċifiċi għal attività partikolari li jinsabu f'dan l-Anness għandhom japplikaw għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-$N_2O$ mill-produzzjoni tal-aċidu nitriku, l-aċidu adipiku, il-kaprolaktam, il-glijossal u l-aċidu glijossiliku fi stallazzjonijiet rilevanti inklużi skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2003/87/KE.

Għal kull attività li minnha jkun hemm emissjonijiet tal-$N_2O$, is-sorsi kollha li jirrilaxxaw $N_2O$ minn proċessi ta' produzzjoni għandhom ikunu koperti, inkluż fejn l-emissjonijiet ta' $N_2O$ minn produzzjoni jiġu inkanalati minn ġo kwalunkwe tagħmir li jnaqqashom. Dan jinkludi:

— il-produzzjoni ta' aċidu nitriku – emissjonijiet tal-$N_2O$ mill-ossidazzjoni katalitika tal-ammonja u/jew mill-unitajiet ta' tnaqqis tal-$NO_x/N_2O$;

— il-produzzjoni ta' aċidu adipiku - emissjonijiet tal-N2O inklużi dawk mir-reazzjoni ta' ossidazzjoni, kwalunkwe proċess dirett ta' ċirkolazzjoni tal-arja u/jew kwalunkwe tagħmir ta' kontroll ta' emissjonijiet;

— il-produzzjoni tal-glijossal u l-aċidu glijossiliku – emissjonijiet tal-$N_2O$ inklużi dawk mir-reazzjonijiet tal-proċessi, kwalunkwe proċess dirett ta' ċirkolazzjoni tal-arja u/jew kwalunkwe tagħmir ta' kontroll tal-emissjonijiet;

— il-produzzjoni tal-kaprolaktam – emissjonijiet tal-$N_2O$ inklużi dawk mir-reazzjonijiet tal-proċessi, kwalunkwe proċess dirett ta' ċirkolazzjoni tal-arja u/jew kwalunkwe tagħmir ta' kontroll tal-emissjonijiet.

Dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikaw għall-ebda emissjoni tal-$N_2O$ minn kombustjoni ta' fjuwils.

Kwalunkwe emissjoni rilevanti ta' $CO_2$ assoċjata direttament mal-proċess ta' produzzjoni (u li mhijiex diġà koperta mill-EU ETS) li hija diġà inkluża fil-permess tal-emissjoni tal-gassijiet serra tal-istallazzjoni għandha tiġi mmonitorjata skont dawn il-Linji gwida.

L-Anness I, it-Taqsima 16 ma tapplikax għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet $N_2O$.

## 2. DETERMINAZZJONI TAL-EMISSJONIJIET $CO_{2(e)}$ u $N_2O$

### 2.1. EMISSJONIJIET TA' $N_2O$ FIS-SENA

L-emissjonijiet tal-$N_2O$ mill-produzzjoni tal-aċidu nitriku għandhom jitkejlu permezz ta' kejl kontinwu ta' emissjonijiet (bl-esklużjoni ta' sorsi *de minimis* – it-Taqsima 6.3).

L-emissjonijiet tal-$N_2O$ mill-produzzjoni tal-aċidu adipiku, il-kaprolaktam, il-glijossal u l-aċidu glijossiliku għandhom jiġu mmonitorjati permezz ta' kejl kontinwu ta' emissjonijiet għal emissjonijiet imnaqqsa u l-metodu ta' kalkolu (ibbażat fuq metodu ta' miżien tal-piż (it-Taqsima 2.6)) għal okkorrenzi temporanji ta' emissjonijiet imnaqqsa.

It-total fis-sena ta' emissjonijiet ta' $N_2O$ mill-istallazzjoni huwa l-għadd tal-emissjonijiet fis-sena ta' $N_2O$ mis-sorsi kollha tagħha ta' emissjonijiet.

Għal kull sors ta' emissjonijiet fejn jiġi applikat il-metodu ta' kejl kontinwu ta' emissjonijiet, l-emissjonijiet totali fis-sena huma l-għadd tal-emissjonijiet kollha fis-siegħa bl-użu ta' din il-formula:

$$\text{emissjonijiet ta' } N_2O_{\text{fis-sena}}\ [t] = \sum [N_2O\text{konċ}_{\text{fis-siegħa}}\ [mg/Nm^3] \times \text{fluss tal} - \text{gass fit} - \text{tubu}_{\text{fis-siegħa}}\ [Nm^3/h]] \times 10^{-9}$$

Fejn:

emissjonijiet ta' $N_2O_{\text{fis-sena}}$ = emissjonijiet totali ta' $N_2O$ fis-sena mis-sors tal-emissjonijiet f'tunellati ta' $N_2O$

| | |
|---|---|
| $N_2O$ konċ $_{\text{konċ fis-siegħa}}$ | = konċentrazzjonijiet ta' $N_2O$ fis-siegħa f'mg/Nm$^3$ fil-fluss ta' gass fit-tubu mkejla waqt it-tħaddim |
| Fluss ta' gass fit-tubu | = il-fluss ta' gass fit-tubu kif ikkalkulat hawn taħt f'Nm$^3$/siegħa għal kull konċentrazzjoni f'kull siegħa |

2.2. EMISSJONIJIET TA' $N_2O$ FIS-SIEGĦA

Il-medja fis-sena ta' emissjonijiet ta' $N_2O$ fis-siegħa għal kull sors fejn jiġi applikat il-metodu ta' kejl kontinwu ta' emissjonijiet għandha tiġi kkalkulata bil-formula li ġejja:

$$N_2\text{medja fis} - \text{siegħa [kg/siegħa]} = \frac{\sum \text{konċ.ta' } (N_2O_{\text{hin}} \text{ [mg/Nm}^3] \times \text{flus ta' gass fit} - \text{tubu [Nm}^3/\text{siegħa]}) \times 10^{-6}}{\text{sigħat ta' tħaddim [siegħa]}}$$

Fejn:

| | |
|---|---|
| emissjonijiet ta' $N_2O$ $_{\text{medja fis-siegħa}}$ | = $_{\text{m}}$edja ta' emissjonijiet ta' $N_2O$ fis-siegħa fis-sena f'kg/siegħa mis-sors |
| konċentrazzjoni ta' $N_2O$ $_{\text{fis-siegħa}}$ | = $_{\text{k}}$onċentrazzjonijiet ta' $N_2O$ fis-siegħa f'mg/Nm$^3$ fil-fluss ta' gass fit-tubu mkejla waqt it-tħaddim |
| Fluss ta' gass fit-tubu | = il-fluss ta' gass fit-tubu kif ikkalkulat hawn taħt f'Nm$^3$/siegħa għal kull konċentrazzjoni f'kull siegħa |

L-inċertezza totali tal-medja tal-emissjonijiet fis-siegħa fis-sena għal kull sors ta' emissjonijiet ma għandhiex taqbeż il-valuri tal-livelli ddefiniti hawn taħt. Il-metodu bbażat fuq l-ogħla livell għandu jintuża mill-operaturi kollha. F'każ biss li jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-metodu bbażat fuq l-ogħla livell mhuwiex teknikament vijabbli jew se jwassal għal spejjeż għoljin wisq, jista' jintuża l-livell aktar baxx li jmiss. Għall-perjodu ta' rapportaġġ 2008-2012 bħala minimu għandu jiġi applikat il-Livell 2 għajr jekk dan ma jkunx teknikament vijabbli.

F'każijiet fejn l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-livell 1 għal kull sors ta' emissjonijiet mhijiex teknikament vijabbli jew twassal għal spejjeż għoljin wisq (għajr sorsi *de minimis*), l-operatur għandu japplika u juri konformità mal-livell xieraq għall-emissjonijiet totali fis-sena għas-sors tal-emissjonijiet imsemmi fit-Taqsima 2, l-Anness XII. Għall-perjodu ta' rapportaġġ 2008-2012 ir-rekwiżit minimu huwa l-Livell 2, għajr jekk dan ma jkunx teknikament vijabbli. L-istallazzjonijiet rispettivi li japplikaw dan il-metodu għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummisjoni mill-Istati Membri skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2003/87/KE.

Il-Livell 1:

Għal kull sors ta' emissjonijiet għandha tintlaħaq inċertezza totali tal-medja tal-emissjonijiet fis-siegħa fis-sena ta' inqas minn 10 %.

Il-Livell 2:

Għal kull sors ta' emissjonijiet għandha tintlaħaq inċertezza totali tal-medja tal-emissjonijiet fis-siegħa fis-sena ta' inqas minn 7.5 %.

Il-Livell 3:

Għal kull sors ta' emissjonijiet għandha tintlaħaq inċertezza totali tal-medja tal-emissjonijiet fis-siegħa fis-sena ta' inqas minn ± 5 %.

2.3. KONĊENTRAZZJONIJIET TA' $N_2O$ FIS-SIEGĦA

Il-konċentrazzjonijiet tal-$N_2O$ fis-siegħa [mg/Nm$^3$] fil-gass fit-tubu minn kull sors ta' emissjonijiet għandhom jiġu ddeterminati b'kejl kontinwu f'punt rappreżentattiv, wara li jkunu għaddew mit-tagħmir li jnaqqashom (jekk jintuża tali tagħmir).

Tekniki ta' kejl adegwati jinkludu l-Ispektroskopija IR, iżda jistgħu jintużaw oħrajn skont il-paragrafu 2 tat-Taqsima 6.1 tal-Anness I, basta jilħqu l-livell ta' inċertezza meħtieġ għall-emissjonijiet tal-$N_2O$. It-tekniki li jintużaw għandu jkollhom il-kapaċità li jkejlu l-konċentrazzjonijiet ta' $N_2O$ ta' kull sors ta' emissjonijiet f'kundizzjonijiet fejn ikun intuża tagħmir ta' tnaqqis u wkoll meta tali tagħmir ma jkunx intuża (pereżempju f'perjodi meta t-tagħmir ta' tnaqqis ikun bil-ħsara u l-konċentrazzjonijiet jiżdiedu). Jekk l-inċertezzi jiżdiedu matul tali perjodi, dawn għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-inċertezza.

Il-kejliet kollha għandhom jiġu aġġustati abbażi ta' gass niexef u għandhom jiġu rrappurtati b'mod konsistenti.

2.4. ID-DETERMINAZZJONI TAL-FLUSS TA' GASS FIT-TUBU

Il-metodi għall-monitoraġġ tal-fluss ta' gass fit-tubu ddefiniti fl-Anness XII għandhom jintużaw għall-kejl tal-fluss ta' gass fit-tubu għal skopijiet ta' monitoraġġ ta' emissjonijiet ta' $N_2O$.

Għall-produzzjoni tal-aċidu nitriku, għandu jiġi applikat il-metodu A għajr jekk dan ma jkunx teknikament vijabbli, f'liema każ jista' jintuża metodu alternattiv, bħal pereżempju metodu li juża miżien tal-piż ibbażat fuq parametri sinifikanti (bħal pereżempju l-piż tal-input ta' ammonja) jew id-determinazzjoni tal-fluss b'kejl kontinwu tal-fluss tal-emissjonijiet, basta tali metodu jkun approvat mill-Awtorità Kompetenti bħala parti mill-evalwazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ u l-metodoliġija tal-monitoraġġ inkluża fih.

Għal attivitajiet oħrajn, jistgħu jintużaw metodi oħrajn għall-monitoraġġ tal-fluss ta' gass fit-tubu deskritti fl-Anness XII, basta jkunu approvati mill-Awtorità Kompetenti bħala parti mill-evalwazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ u l-metodoloġija tal-monitoraġġ inkluża fih.

Il-Metodu A – Il-produzzjoni tal-Aċidu Nitriku

Il-fluss ta' gass fit-tubu għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$V_{\text{fluss ta' gass fit-tubu}}\ [\text{Nm}^3/\text{siegħa}] = V_{\text{arja}} \times (1 - O_{2,\text{ arja}})/(1 - O_{2,\text{ gass fit-tubu}})$$

Fejn:

$V_{arja}$ = fluss totali ta' arja ta' input f'$Nm^3$/siegħa f'kundizzjonijiet standard;

$O_{2\ arja}$ = il-frazzjoni tal-volum ta' $O_2$ fl-arja niexfa [= 0.2095];

$O_{2\ gass\ fit\text{-}tubu}$ = il-frazzjoni tal-volum ta' $O_2$ fil-gass fit-tubu.

Il-$V_{arja}$ għandu jiġi kkalkulat bħala l-għadd tal-flussi kollha ta' arja li jidħlu fl-unità ta' produzzjoni tal-aċidu nitriku.

L-istallazzjoni għandha tapplika l-formula li ġejja, sakemm fil-pjan ta' monitoraġġ tagħha ma jkunx speċifikat mod ieħor:

$$V_{arja} = V_{primarju} + V_{sekondarju} + V_{siġill}$$

Fejn:

$V_{primarju}$ = Fluss primarju ta' arja ta' input f'$Nm^3$/siegħa f'kundizzjonijiet standard;

$V_{sekondarju}$ = Fluss sekondarju ta' arja ta' input f'$Nm^3$/siegħa f'kundizzjonijiet standard;

$V_{siġill}$ = Fluss ta' arja ta' input fis-siġill f'$Nm^3$/siegħa f'kundizzjonijiet standard;

Il-$V_{primarju}$ jiġi ddeterminat b'kejl kontinwu ta' fluss qabel ma jsir it-taħlit mal-ammonja. Il-$V_{sekondarju}$ jiġi ddeterminat b'kejl kontinwu ta' fluss pereżempju qabel l-unità tal-irkupru tas-sħana. Il-$V_{siġill}$ huwa il-fluss ta' arja mnaddaf fil-proċess ta' produzzjoni tal-aċidu nitriku (jekk ikun rilevanti).

Għal kurrenti ta' arja ta' input li flimkien jammontaw għal anqas minn 2,5 % tal-fluss totali tal-arja, l-awtorità kompetenti tista' taċċetta metodi ta' kalkolu għad-determinazzjoni ta' din ir-rata ta' fluss tal-arja proposta mill-operatur ibbażati fuq l-aqwa prattiki tal-industrija.

L-operatur għandu jipprovdi evidenza permezz ta' kejliet f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim li l-fluss ta' gass fit-tubu mkejjel huwa omoġenju biżżejjed biex ikun jista' jintuża l-metodu ta' kejl propost. Jekk permezz ta' dawn il-kejliet jiġi kkonfermat fluss li mhuwiex omoġenju, dan għandu jitqies waqt id-determinazzjoni ta' metodi xierqa ta' monitoraġġ u meta tiġi kkalkulata l-inċertezza fl-emissjonijiet tal-$N_2O$.

Il-kejliet kollha għandhom jiġu aġġustati abbażi ta' gass niexef u għandhom jiġu rrappurtati b'mod konsistenti.

2.5. L-OSSIĠNU ($O_2$)

Il-konċentrazzjonijiet ta' ossiġnu fil-gass fit-tubu għandhom jitkejlu jekk ikunu meħtieġa biex jiġi kkalkulat il-fluss tal-gass fit-tubu skont it-Taqsima 2.4. Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti għall-kejliet tal-konċentrazzjonijiet fit-Taqsima 6 tal-Anness I. Tekniki ta' kejl adegwati jinkludu: pressjoni paramanjetika li talterna, miżien manjetiku tal-liwi u sonda tad-diossidu taż-żirkonju. L-inċertezza tal-kejliet tal-konċentrazzjonijiet tal-$O_2$ għandhom jitqiesu fid-determinazzjoni tal-inċertezza tal-emissjonijiet tal-$N_2O$.

Il-kejliet kollha għandhom jiġu aġġustati abbażi ta' gass niexef u għandhom jiġu rrappurtati b'mod konsistenti.

2.6. KALKOLU TAL-EMISSJONIJIET TAL-$N_2O$

Għal emissjonijiet mhux imnaqqsa, speċifiċi u perjodiċi, ta' $N_2O$ mill-produzzjoni tal-aċidu adipiku, il-kaprolaktam, il-glijossal u l-aċidu glijossiliku (bħal pereżempju emissjonijiet mhux imnaqqsa miċ-ċirkolazzjoni għal raġunijiet ta' sikurezza u/jew meta l-impjant ta' tnaqqis ikun bil-ħsara) fejn il-monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet tal-$N_2O$ mhuwiex teknikament vijabbli, il-kalkolu tal-emissjonijiet tal-$N_2O$ jista' jiġi applikat permezz ta' miżien tal-piż. Il-metodu ta' kalkolu għandu jiġi bbażat fuq ir-rata massima ta' emissjonijiet potenzjali ta' $N_2O$ mir-reazzjoni kimika li sseħħ fil-perjodu u l-waqt tal-emissjonijiet. Il-metodu ta' kalkolu speċifiku għandu jiġi approvat mill-awtorità kompetenti bħala parti mill-evalwazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ u l-metodoloġija ta' monitoraġġ inkluża fih.

L-inċertezza fi kwalunkwe emissjoni kkalkulata għal sors ta' emissjonijiet speċifiku għandha titqies fid-determinazzjoni tal-medja tal-inċertezza fis-siegħa fis-sena għas-sors tal-emissjonijiet. Għall-emissjonijiet ikkalkulati jew fejn tintuża kombinazzjoni ta' kalkolu u kejl kontinwu biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet tal-$N_2O$ għandhom jiġu applikati l-istess livelli li jintużaw għall-emissjonijiet imkejla totalment b'kejl kontinwu ta' emissjonijiet.

## 3. KALKOLU TA' EKWIVALENTI TA' $CO_2$ ($CO_{2(e)}$) FIS-SENA

It-total tal-emissjonijiet tal-$N_2O$ fis-sena mis-sorsi kollha tal-emissjonijiet (imkejla f'tunnellati sa tliet ċifri wara l-punt deċimali) għandhom jitbiddlu f'emissjonijiet ta' $CO_{2(e)}$ fis-sena (imqarrba lejn l-eqreb tunnellata) permezz tal-formula li ġejja:

$$CO_{2(e)}\ [t] = N_2O_{fis-sena}[t] \times GWP_{N2O}$$

Għall-emissjonijiet matul il-perjodu 2008-12, għandu jintuża l-Potenzjal għat-Tisħin Globali $GWP_{N2O}$ = 310 t $CO_{2(e)}$/t $N_2O$, li huwa l-valur pprovdut fit-Tieni Rapport ta' Valutazzjoni tal-Panel Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (il-valur GWP tal-IPCC, 1995).

L-ammont totali ta' $CO_{2(e)}$ iġġenerat mis-sorsi kollha tal-emissjonijiet u kwalunkwe emissjoni diretta ta' $CO_2$ minn sorsi oħrajn ta' emissjonijiet (jekk ikunu inklużi fil-permess tal-gassijiet serra) għandu jiżdied mat-total tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ fis-sena ġġenerat mill-istallazzjoni u għandu jintuża għar-rappurtaġġ u ċ-ċediment tal-kwoti.

## 4. DETERMINAZZJONI TAR-RATI TA' ATTIVITÀ TAL-PRODUZZJONI

Ir-rati tal-produzzjoni għandhom jiġu kkalkulati bl-użu ta' rapporti tal-produzzjoni u s-sigħat ta' tħaddim kuljum.

## 5. PJAN TA' MONITORAĠĠ

Minbarra r-rekwiżiti ddefiniti fl-Anness I, it-Taqsima 4.3 (a), (b), (c), (d), (j), (k), (m) u (n), il-pjanijiet ta' monitoraġġ għal stallazzjonijiet koperti b'dan l-Anness għandhom jinkludu t-tagħrif li ġej:

(a) il-punti kollha rilevanti ta' emissjonijiet matul operazzjoni tipika, u matul fażijiet limitati u ta' tranżizzjoni (eż. perjodi ta' ħsara jew fażijiet ta' kummissjunar) murija fuq dijagramma ta' proċess;

(b) il-metodu u l-parametri li jintużaw biex jiġu ddeterminati l-kwantità ta' materjali (eż. l-ammonja) użati fil-proċess tal-produzzjoni u l-kwantità massima ta' materjal li jintuża skont il-kapaċità sħiħa tal-istallazzjoni;

(ċ) il-metodu u l-parametri użati biex tiġi ddeterminata l-kwantità ta' prodott immanifatturat bħala piż fis-siegħa, espress bħala aċidu nitriku (100 %), aċidu adipiku (100 %), glijossal u aċidu glijossiliku u kaprolaktam fis-siegħa rispettivament;

(d) il-metodu u l-parametri użati biex jiġu ddeterminati l-konċentrazzjoni ta' $N_2O$ fil-gass fit-tubu minn kull sors ta' emissjoni, il-firxa ta' operazzjoni tagħha, l-inċertezza tagħha, u dettalji dwar kwalunkwe metodu alternattiv li għandu jiġi applikat jekk il-konċentrazzjonijiet ma jaqgħux fil-firxa tal-operazzjoni u s-sitwazzjonijiet meta dan jista' jseħħ;

(e) il-metodu użat biex jiġu ddeterminati r-rata totali tal-fluss ta' gass fit-tubu (espressa f'$Nm^3$ fis-siegħa) minn kull sors ta' emissjonijiet, il-firxa ta' operazzjoni tagħha u l-inċertezza. Jekk ikunu dderivati permezz ta' kalkolu, għandhom jingħataw id-dettalji għal kull fluss ta' gass fit-tubu mmonitorjat;

(f) il-metodu ta' kalkolu użat biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet ta' $N_2O$ minn sorsi perjodiċi, mhux imnaqqsa ta' produzzjoni ta' aċidu adipiku, kaprolaktam, glijossal u aċidu glijossiliku;

(g) il-mod kif u sa liema livell topera l-istallazzjoni b'piżijiet varjabbli, u l-mod kif titwettaq il-ġestjoni operazzjonali;

(h) il-metodu u kwalunkwe formula ta' kalkolu li jintużaw biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet ta' $N_2O$ fis-sena minn kull sors ta' emissjonijiet;

(i) il-kundizzjonijiet tal-proċess li jiddevjaw minn operazzjonijiet normali, indikazzjoni tal-frekwenza potenzjali u d-dewma ta' tali kundizzjonijiet, kif ukoll indikazzjoni tal-volum ta' emissjonijiet ta' $N_2O$ waqt il-kundizzjonijiet li jiddevjaw mill-proċess (bħal pereżempju ħsara fit-tagħmir);

(j) il-valutazzjoni użata biex turi l-konformità mar-rekwiżiti ta' inċertezza tal-livell imsemmija fit-Taqsima 2 ta' dan l-Anness u l-livell milħuq;

(k) il-valur espress f'$kg/N_2O$ fis-siegħa li jkun ġie ddeterminat skont l-Anness I it-Taqsimiet 6.3 a) u b) biex jintuża f'każ li t-tagħmir ta' kejl ikun bil-ħsara jew ma jaħdimx kif suppost,

(l) Dettalji ta' kwalunkwe devjazzjonijiet mir-rekwiżiti tal-istandards ġenerali bħal pereżempju l-EN14181 u l-ISO 14956:2002;

Minbarra r-rekwiżiti fl-Anness I, it-Taqsima 4.3, bidla sostanzjali fil-metodoloġija ta' monitoraġġ bħala parti millpjan ta' monitoraġġ għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti jekk tikkonċerna:

— bidliet sinifikanti fil-mod kif tiffunzjona l-istallazzjoni li jaffettwaw il-livell totali ta' emissjonijiet ta' $N_2O$, il-konċentrazzjoni ta' $N_2O$, ir-rata tal-fluss jew parametri oħrajn tal-gass fit-tubu, speċjalment jekk jiġu installati jew ssostitwiti miżuri ta' tnaqqis;

— idliet fil-metodi użati biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet ta' $N_2O$, inklużi bidliet fil-kejl kontinwu tal-konċentrazzjonijiet, il-konċentrazzjonijiet tal-ossiġnu u l-fluss ta' gass fit-tubu, jew il-metodu ta' kalkolu li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-inċertezza totali tal-emissjonijiet;

— bidliet fil-parametri użati biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet u/jew il-produzzjoni tal-aċidu nitriku, l-aċidu adipiku, il-kaprolaktam, il-glijossal u l-aċidu glijossiliku fis-sena;

— bidliet fil-valutazzjoni tal-inċertezza.

## 6. ĠENERALI

### 6.1. RATA TA' TEĦID TA' KAMPJUNI

Medji fis-siegħa validi għandhom jiġu kkalkulati skont it-Taqsima 6.3 (a) tal-Anness I:

— għall-konċentrazzjoni tal-$N_2O$ fil-gass fit-tubu;

— għall-fluss totali ta' gass fit-tubu fejn dan jitkejjel direttament u fejn huwa meħtieġ;

— għall-flussi tal-gassijiet u l-konċentrazzjonijiet tal-ossiġnu kollha meħtieġa biex jiġi ddeterminat b'mod indirett il-fluss totali tal-gass fit-tubu.

6.2. DEJTA NIEQSA

Dejta nieqsa għandha titqies skont l-Anness I it-Taqsima 6.3 (a) u (b). Jekk ikun hemm dejta nieqsa minħabba ħsara fit-tagħmir tat-tnaqqis, wieħed għandu jassumi li l-emissjonijiet matul dik is-siegħa partikolari kollha ma kinux imnaqqsa u għandhom jiġu kkalkulati valuri ta' sostituzzjoni skont dan.

L-operatur għandu jieħu kull pass prattiku meħtieġ biex jiżgura li t-tagħmir ta' monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet ma jdumx bil-ħsara għal aktar minn ġimgħa fi kwalunkwe sena kalendarja. Jekk dan iseħħ, l-operatur għandu jgħarraf lill-awtorità kompetenti minnufih.

6.3. SORSI *DE MINIMIS* TA' $N_2O$

"Flussi minn sorsi de minimis" għal sorsi ta' emissjonijiet ta' $N_2O$ tfisser fluss wieħed jew aktar minuri, mhux imnaqqsa minn sors, magħżul/a mill-operatur u li flimkien jirrilaxxaw 1 000 tunnellata ta' $CO_{2(e)}$ jew anqas fis-sena, jew li jirrilaxxaw anqas minn 20 000 tunnellata ta' $CO_{2(e)}$ fis-sena u jikkontribwixxu għal anqas minn 2 % tal-emissjonijiet totali ta' $CO_{2(e)}$ ta' dik l-istallazzjoni.

Soġġett għal approvazzjoni mill-awtorità kompetenti, l-operatur jista' japplika metodi għall-monitoraġġ u r-rappurtaġġ billi juża l-kalkolu tiegħu mingħajr l-użu ta' livelli għal kurrenti minn sorsi *de minimis* ta' $N_2O$.

6.4. KALKOLU KORROBORATTIV TAL-EMISSJONIJIET

L-Anness I it-Taqsima 6.3(c) għandu japplika għal emissjonijiet ta' $N_2O$ korroborattivi rrappurtati (minn kejl u kalkolu ta' emissjonijiet kontinwi) u mwettqa bl-użu ta' dejta tal-produzzjoni, il-Linji gwida tal-IPCC, 2006 u l-metodu speċifikat fl-Anness I, it-Taqsima 10.3.3. "Metodu orizzontali".

## 7. IL-VALUTAZZJONIJIET TAL-INĊERTEZZA

Il-valutazzjonijiet tal-inċertezza meħtieġa biex juru konformità mal-livelli rilevanti fit-Taqsima 2 għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' kalkolu ta' propagazzjoni tal-iżbalji li jqis l-inċertezza tal-elementi kollha tal-kalkolu tal-emissjonijiet. Għall-kejl kontinwu s-sorsi ta' inċertezza li ġejjin għandhom jiġu vvalutati skont l-EN 14181 u l-ISO 14956:2002:

— l-inċertezza speċifikata ta' tagħmir ta' kejl kontinwu inklużi l-kampjuni;

— l-inċertezzi assoċjati mal-kalibrazzjoni, u

— inċertezza addizzjonali relatata ma' kif it-tagħmir ta' monitoraġġ qed jintuża fil-prattika.

Għall-kalkolu tal-inċertezza totali li għandha tintuża fit-Taqsima 2.2, għandhom jintużaw il-konċentrazzjonijiet fis-siegħa ddeterminati skont it-Taqsima 2.3. Għall-iskop tal-kalkolu tal-inċertezza biss, konċentrazzjonijiet ta' $N_2O$ taħt 20 $mg/Nm^3$ għandhom jiġu ssostitwiti b'valur awtomatiku ta' 20 $mg/Nm^3$.

L-operatur, permezz tal-proċess ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll, għandu jamministra u jnaqqas il-bqija tal-inċertezzi tad-dejta tal-emissjonijiet fir-rapport tiegħu tal-emissjonijiet. Matul il-proċess ta' verifika, il-verifikatur għandu jikkontrolla l-applikazzjoni korretta tal-metodoloġija ta' monitoraġġ approvata, u għandu jivvaluta l-ġestjoni u t-tnaqqis tal-bqija tal-inċertezzi permezz tal-proċeduri ta' assigurazzjoni ta' kwalità u ta' kontroll tal-operatur.

## 8. KONTROLL U VERIFIKA

8.1. KONTROLL

Minbarra r-rekwiżiti fl-Anness I it-Taqsimiet 10.1, 10.2 u 10.3, għandhom japplikaw il-proċeduri ta' assigurazzjoni ta' kwalità li ġejjin:

— l-assigurazzjoni ta' kwalità tal-kejl kontinwu tal-konċentrazzjoni tal-$N_2O$ u l-ossiġnu għandha titwettaq skont l-EN 14181;

— it-tagħmir ta' kejl installat għandu jiġi kkalibrat permezz ta' kejliet paralleli darba kull tliet xhur;

— fejn il-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet (ELVs) jintużaw tipikament bħala l-bażi tal-kalibrazzjoni tal-monitoraġġi kontinwi ta' emissjonijiet, u fejn ma jeżisti l-ebda ELV għall-$N_2O$ jew l-$O_2$, għandha tintuża il-medja tal-konċentrazzjoni fis-siegħa fis-sena biex tissostitwixxi l-ELVs ta' dan it-tip;

— il-QAL 2 għandu jsir ma' gassijiet ta' referenza adegwati minbarra mal-gass li jkun qed jintuża bħala kampjun, biex tkun żgurata valutazzjoni ta' firxa ta' kalibrazzjoni wiesgħa biżżejjed;

— it-tagħmir ta' kejl li jkejjel il-volum tal-fluss ta' gass fit-tubu għandu jiġi kkalibrat kull sena jew meta l-impjant issirlu l-manutenzjoni, skont liema minnhom isehħ l-ewwel. Il-kwalità tal-assigurazzjoni tal-volum tal-fluss ta' gass fit-tubu ma hemmx bżonn li titwettaq skont l-EN 14181;

— jekk verifiki interni jsibu nuqqas ta' konformità mal-EN 14181 jew li għandha ssir kalibrazzjoni mill-ġdid, dan għandu jiġi rrappurtat lill-awtorità kompetenti mingħajr l-ebda dewmien.

8.2. VERIFIKA

Minbarra r-rekwiżiti ta' verifika ddefiniti fit-Taqsima 10.4, għandhom jiġu ċċekkjati dawn li ġejjin:

— il-korrettezza fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti msemmija fit-Taqsimiet 7 u 8.1 ta' dan l-Anness;

— metodi ta' kalkoli u riżultati fejn dejta nieqsa ġiet issostitwita b'valuri kkalkulati.

— kredibbiltà tal-valuri ta' sostituzzjoni kkalkulati u l-valuri mkejla;

— kwalunkwe valutazzjoni komparattiva li tikkorrobora r-riżultati tal-emissjonijiet u l-metodi bbażati fuq il-kalkoli u r-rapportaġġ ta' dejta dwar attività, fatturi ta' emissjonijiet u affarijiet simili.

## 9. **RAPPURTAĠĠ**

L-emissjonijiet totali ta' $N_2O$ fis-sena għandhom jiġu rrappurtati f'tunnellati sa tliet ċifri wara l-punt deċimali u bħala $CO_{2(e)}$ imqarrba lejn l-eqreb tunnellata.

Minbarra r-rekwiżiti ta' rapportaġġ iddefiniti fit-Taqsima 8 tal-Anness I l-operaturi ta' stallazzjonijiet koperti b'dan l-Anness għandhom jirrapurtaw it-tagħrif li ġej għall-istallazzjonijiet tagħhom:

(a) il-ħin ta' tħaddim tal-unità tal-ipproċessar u l-ħin totali ta' tħaddim tal-impjant fis-sena;

(b) id-dejta tal-produzzjoni għal kull unità u l-metodu użat biex tiġi ddeterminata l-kwantità ta' prodott;

(ċ) il-kriterji ta' kejl użati fil-kwantifikazzjoni ta' kull parametru;

(d) l-inċertezza għal kull parametru mkejjel u kkalkulat (inklużi l-konċentrazzjonijiet tal-gass, il-fluss ta' gass fit-tubu, l-emissjonijiet ikkalkulati) u l-inċertezza totali tal-piż fis-siegħa li tirriżulta u/jew iċ-ċifra tal-emissjonijiet fis-sena.

(e) id-dettalji ta' kwalunkwe ħsara fit-tagħmir li affettwat il-kejl tal-emissjonijiet u l-fluss tal-emissjonijiet/ta' gass fit-tubu, inkluż l-għadd ta' drabi, is-sigħat affettwati, id-dewma u d-dati ta' meta kien hemm il-ħsarat.

(f) id-dettalji dwar meta kien hemm il-ħtieġa li tiġi applikata t-Taqsima 6.2 ta' dan l-Anness, inklużi l-għadd ta' drabi, is-sigħat affettwati, il-kalkoli u l-valuri ta' sostituzzjoni użati;

(g) id-dejta ta' input li tintuża fi kwalunkwe valutazzjoni korroborattiva skont l-Anness I, it-Taqsimiet 6.3(c) u 4.3 biex jiġu ċċekkjati l-emissjonijiet ta ' $N_2O$ fis-sena."

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIM INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 1/2008 TAL-KUMITAT KONĠUNT KE-GŻEJJER FAROE

**tas-17 ta' Ġunju 2008**

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 1/2001 li tistipula d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Protokoll dwar kwistjonijiet veterinarji li jissupplementaw il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faroe, min-naħa l-oħra**

(2009/74/KE)

IL-KUMITAT KONĠUNT KE-GŻEJJER FAROE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri, bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faroe, min-naħa l-oħra [1],

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar kwistjonijiet veterinarji li jissupplementaw il-Ftehim [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu, l-ewwel sentenza tiegħu,

Billi:

(1) Fil-laqgħa tas-sottogrupp veterinarju tal-Kumitat Konġunt tal-KE-il-Gżejjer Faroe fis-26 ta' Settembru 2005 fi Brussell ġew diskussi żewġ talbiet mill-Gżejjer Faroe. L-ewwel talba kienet li titħalla l-importazzjoni ta' ekwidi rreġistrati direttament mill-Iżlanda, aktar milli permezz f'post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera approvat għal dak l-għan fi Stat Membru skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistipula l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [3]. It-tieni talba kienet li jitħalla l-moviment ta' ekwidi rreġistrati bejn il-Gżejjer Faroe u l-Istati Membri skont ir-regoli intra-Komunitarji dwar il-moviment.

(2) Skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 rigward il-kundizzjonijiet dwar saħħet l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi [4], għandhom japplikaw ir-regoli stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li jikkonċernaw il-kontrolli veterinarji u żootekniċi fil-kummerċ intra-Komunitarju f'ċerti annimali ħajjin u fil-prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [5].

(3) Il-Gżejjer Faroe ntrabtu li jittrasponu u japplikaw id-dispożizzjonijiet Komunitarji stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni u li jistabbilixxu fil-post ta' spezzjoni approvat fuq il-fruntiera allokat f'Tórshavn ċentru ta' spezzjoni adattat għall-immaniġġjar ta' ekwidi rreġistrati, importati direttament mill-Iżlanda skont il-kostruzzjoni u r-rekwiżiti tal-benessri tal-annimali stipulati fl-Anness A tad-Direttiva 91/496/KEE qabel id-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(4) Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u l-esperti tal-Istati Membri qablu li l-qagħda ta' saħħet l-annimali fil-Gżejjer Faroe kienet tippermetti l-emenda proposta tad-Deċiżjoni Nru 1/2001 tal-Kumitat Konġunt KE-Gżejjer Faroe [6].

(5) L-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar kontrolli uffiċjali li jsiru biex tiġi żgurata l-verifika ta' konformità mal-liġi tal-għalf u tal-ikel, ir-regoli ta' saħħet l-annimali u tal-benessri tal-annimali [7], jistabbilixxi prinċipji ġodda għall-ġbir ta' miżati jew ħlasijiet biex ikopru l-ispejjeż magħmula mill-kontrolli uffiċjali.

B'konsegwenza ta' dan, jidher xieraq li r-referenzi għall-ħlasijiet ikkonċernati fil-Komunità jiġu aġġornati bid-Deċiżjoni Nru 1/2001.

(6) Ġiet introdotta sistema ġdida ta' notifika bl-isem ta' TRACES li tissostitwixxi s-sistema ANIMO u li tikkonċerna l-importazzjonijiet ta' annimali ħajjin u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali lejn l-Unjoni Ewropea u l-movimenti intra-Komunitarji ta' annimali ħajjin. TRACES tippermetti l-iskambi elettroniċi ta' data li tikkonċerna l-importazzjoni u l-kummerċ intra-Komunitarju ta' annimali ħajjin u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-kontroll ta' saħħet l-annimali u tas-saħħa pubblika.

B'konsegwenza ta' dan, jidher xieraq li r-referenzi fis-sistemi ta' tagħrif jiġu aġġornati bid-Deċiżjoni Nru 1/2001.

(1) ĠU L 305, 30.11.1999, p. 25.
(2) ĠU L 305, 30.11.1999, p. 26.
(3) ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
(4) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42.
(5) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
(6) ĠU L 46, 16.2.2001, p. 24.
(7) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1, kif ikkoreġut bil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1.

(7) Is-sotto-grupp veterinarju għalhekk irrakkomanda li d-Deċiżjoni Nru 1/2001 tiġi emendata skont dan.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni Nru 1/2001 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

**Kontrolli fuq annimali ħajjin li ġejjin minn pajjiżi terzi**

1. Kontrolli fuq annimali ħajjin li ġejjin minn pajjiżi terzi u huma ddestinati għall-gżejjer Faroe għandhom jitwettqu f'postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri fl-Istati Membri mis-servizzi veterinarji tagħhom f'isem u għan-nom tal-awtoritajiet tal-Gżejjer Faroe.

2. Fil-każijiet stipulati, is-sistema veterinarja kompjuterizzata integrata (TRACES) għandha tintuża għan-notifiki rilevanti kollha.

3. L-importazzjonijiet kollha ta' annimali ħajjin lejn il-Gżejjer Faroe għandhom ikunu suġġetti għal kontrolli veterinarji kif stipulat fid-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE (*), u fir-regoli ta' applikazzjoni tagħha stipulati fid-Deċizjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni.

Jekk ir-riżultati tal-kontrolli msemmija fl-ewwel paragrafu huma sodisfaċenti, is-servizzi veterinarji għandhom joħorġu Dokument Veterinarju Komuni ta' Dħul (CVED) għal kull kunsinna.

Is-servizzi Doganali għandhom jiżguraw li l-ħlasijiet sanitarji meħtieġa kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) jitħallsu qabel ma jibdew l-operazzjonijiet ta' tranżitu doganali.

(*) ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
(**) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1 kif ikkoreġut bil-ĠU L 191,28.5.2004, p. 1.";

(2) L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

**L-iffinanzjar tal-kontrolli**

Il-Gżejjer Faroe qed jintrabtu li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħlasijiet fit-taqsimiet li ġejjin:

— Fl-Anness IV, Kapitolu V għal prodotti tas-sajd koperti bir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*),

— Fl-Anness IV, Kapitolu V biex ikun żgurat li qed jitwettqu l-kontrolli stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (**) fuq l-annimali tal-akkwakultura;

— Fl-Anness V il-Kapitoli I (laħam) II (ħut) u III (prodotti oħra tal-annimali) għall-prodotti tal-annimali importati minn pajjiżi terzi;

— Fl-Anness V Kapitolu V għall-annimali ħajjin importati minn pajjiżi terzi;

— Fl-Anness VI biex ikunu koperti l-kontrolli għall-annimali ta' akkwakultura, il-prodotti li joriġinaw mill-annimali u l-ekwidi rreġistrati ħajjin koperti mid-Direttiva 90/425/KEE.

(*) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55, kif ikkoreġut bil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22.
(**) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10";

(3) L-Artikolu 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

**Sistemi ta' informazzjoni**

1. Il-Gżejjer Faroe għandhom jużaw is-sistema veterinarja kompjuterizzata integrata (TRACES) biex javżaw lill-Istati Membr dwar movimenti u kummerċ ta' annimali ħajjin jew prodotti li joriġinaw mill-annimali, fejn meħtieġa skont id-dispożizzjonijiet tal-Komunità.

L-arranġamenti prattiċi għas-sehem tal-Gżejjer Faroe f'din is-sistema għandhom jiġu ffinalizzati bejn il-Kummissjoni u l-uffiċjali tal-Gżejjer Faroe.

2. Il-Gżejjer Faroe għandhom jimplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE (*) u għandhom jipparteċipaw fis-Sistema ta' Notifika tal-Mard tal-Annimali (ADNS).

L-arranġamenti prattiċi għall-parteċipazzjoni tal-Gżejjer Faroe għandhom jiġu miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-uffiċjali tal-Gżejjer Faroe.

(*) ĠU L 378, 31.12.1982, p. 58.";

(4) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 12a*

**L-importazzjonijiet u l-movimenti tal-ekwidi rreġistrati**

1. Il-Gżejjer Faroe qed jintrabtu li jistabbilixxu fuq il-post ta' spezzjoni approvat fuq il-fruntiera llokat f'Tórshavn ċentru ta' spezzjoni adattat għat-trattament ta' ekwidi rreġistrati, importati direttament mill-Iżlanda. Il-faċilitajiet fiċ-ċentru ta' spezzjoni għandhom jilħqu r-rekwiżiti rigward il-kostruzzjoni u l-benessri tal-annimali għall-approvazzjoni stipulati fl-Anness A tad-Direttiva 91/496/KEE.

Qabel ma tinbeda l-kostruzzjoni tal-bini, l-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Faroe għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni Ewropea l-abbozz ta' pjan ta' dan iċ-ċentru għall-konsiderazzjoni u l-kummenti.

Wara li l-faċilità miftiehma tinbena, l-Gżejjer Faroe għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni.

2. B'deroga mill-Artikolu 3(1), il-kontrolli ta' ekwidi rreġistrati importati direttament mill-Iżlanda għandhom jitwettqu skont id-Direttiva 91/496/KEE u r-regoli ta' applikazzjoni tagħha stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/794/KE (*) mis-servizzi veterinarji tal-Gżejjer Faroe fiċ-ċentru ta' spezzjoni msemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-movimenti tal-ekwidi rreġistrati bejn il-Gżejjer Faroe u l-Istati Membri għandhom jitwettqu fuq il-bażi tar-regoli stipulati fil-Kapitolu II tad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE (**) u wara l-kontrolli mwettqa skont id-Direttiva 90/425/KEE.

(*) ĠU L 323, 26.11.1997, p. 31.
(**) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42.";

(5) Fl-Artikolu 15, jiżdied dan il-paragrafu:

"4. Il-Gżejjer Faroe għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Komunità stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni qabel is-17 ta' Ġunju 2008.

Il-Gżejjer Faroe għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni sal-11 ta' Frar 2009 li jkunu ħadu l-passi meħtieġa biex jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet."

(6) It-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandu jiżdied bħala Anness.

*Artikolu 2*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula f'Tórshavn, 17 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-President*

Herluf SIGVALDSSON

*ANNESS*

*"ANNESS*

Dispożizzjonijiet tal-Komunità kif imsemmija fl-Artikolu 15(4):

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar verifiki veterinarji u żootekniċi li jgħoddu fil-Kummerċ intra-Komunitarju f'ċerti annimali ħajjin u prodotti b'kull għan ta' tlestija tas-suq intern (ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29);

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kundizzjonijiet ta' saħħet l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi (ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42);

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/427/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kundizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tal-ekwidi (ĠU L 224, 18.8.1990, p. 55);

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/260/KEE tal-10 ta' April 1992 dwar il-kundizzjonijiet ta' saħħet l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-ammissjoni temporanja ta' żwiemel irreġistrati (ĠU L 130, 15.5.1992, p. 67);

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/195/KEE tat-2 ta' Frar 1993 dwar il-kundizzjonijiet ta' saħħet l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja tagħhom għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel irreġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara esportazzjoni temporanja (ĠU L 86, 6.4.1993, p. 1);

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/196/KEE tal-5 ta' Frar 1993 dwar il-kundizzjonijiet ta' saħħet l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għal importazzjonijiet ta' ekwidi għall-qatla (ĠU L 86, 6.4.1993, p. 7);

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE tal-5 ta' Frar 1993 dwar il-kundizzjonijiet ta' saħħet l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għal importazzjonijiet ta' ekwidi rreġistrati u ekwidi għat-trobbija u l-produzzjoni (ĠU L 86, 6.4.1993, p. 16);

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/623/KEE tal-20 ta' Ottubru 1993 li tistabbilixxi d-dokument ta' identifikazzjoni (passaport) li jakkumpanja l-ekwidi rreġistrati (ĠU L 298, 3.12.1993, p. 45);

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/68/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/623/KEE u li tistabbilixxi l-identifikazzjoni ta' ekwidi għat-trobbija u l-produzzjoni (ĠU L 23, 28.1.2000, p. 72);

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ekwidi ħajjin u ta' semen, ova u embrijuni tal-ispeċi ekwina, u li temenda d-Deċiżjonijiet 93/195/KEE u 94/63/KE (ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1);

(11) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-ħarsien tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).".

## CORRIGENDUM

**Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2008 dwar it-testijiet tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 57, 1 ta' Marzu 2008)*

Fit-titolu tad-Deċiżjoni kemm fil-qoxra kif ukoll fil-paġna 14:

*minflok:* "2008/173/KE";

*aqra:* "2008/173/ĠAI".

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.